

TWEĠIBIET GĦALL-KWESTJONARJU

- TAL-PARLAMENT EWROPEW

LILL-KUMMISSARJU-NOMINAT

Mariya Gabriel

L-Ekonomija Diġitali u s-Soċjeta

1. Kompetenza ġenerali, impenn Ewropew u indipendenza personali

X'aspetti tal-kwalifiki u l-esperjenza personali tiegħek huma partikolarment rilevanti biex issir Kummissarju u tippromwovi l-interess ġenerali Ewropew, b'mod partikolari fil-qasam li tkun responsabbli minnu? X'jimmotivak? Kif se tikkontribwixxi għall-preżentazzjoni tal-aġenda strateġika tal-Kummissjoni?

X'garanziji ta' indipendenza tista' tagħti lill-Parlament Ewropew, u kif tista' tiżgura li kull attività li wettaqt, qiegħed twettaq jew sejjer twettaq ma tkunx tista' tqajjem dubji dwar it-twetiq ta' dmirijietek fi ħdan il-Kummissjoni?

Illum, sentejn wara li tnediet l-istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali, l-Unjoni qiegħda taġixxi biex tilqa' għal sfida ewlenija: li naraw li mit-trasformazzjoni diġitali nagħmlu opportunità għall-ekonomija s-soċjeta Ewropea tagħna. Hemm bżonn li nkunu konxji u li nkomplu ninvestu fis-suċċess u fil-potenzjal tagħna filwaqt li naffaċċjaw ir-realtajiet u l-isfidi l-ġodda permezz ta' strumenti innovattivi. Fil-qalba tal-linji ta' politika tagħna jrid ikun hemm l-interessi taċ-ċittadini tagħna. Huwa biss permezz tal-bażi ta' djalogu regolari u ta' kooperazzjoni mill-qrib mal-atturi kollha kkonċernati li aħna nkunu nistgħu nittrasformaw l-ostakoli diġitali li jeżistu bħalissa f'opportunitajiet li jippermettulna li niddefendu l-valuri u l-prinċipji tagħna.

Is-Suq Uniku Diġitali huwa waħda mill-għaxar (10) prijoritajiet tal-President Juncker. F'konformita ma' dawn il-prijoritajiet, jien se naħdem biex jitwettaq is-Suq Uniku Diġitali li jkollu bħala objettiv ewlieni dak li jikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku u għall-investimenti u li jipproteġi l-interessi u d-drittijiet taċ-ċittadini. Dan jitlob ukoll li jkun hemm reazzjoni b'rapidità u determinazzjoni quddiem l-isfidi urġenti li tippreżenta l-evoluzzjoni kostanti tat-teknoloġiji u tal-utilizzazzjoni tagħhom kif ukoll l-abbuż minnhom, bħal fil-każ tal-attakki kibernetiċi.

Jien se nisfrutta l-esperjenza tiegħi bħala riċerkatur fil-qafas ta' żewġ proġetti Ewropej (EQUAL u PARENEL), biex napplika metodu ta' ħidma innovattiv fit-tfittxija għas-soluzzjonijiet. B'mod konkret, din il-missjoni ppermettietli li nifhem sa liema punt huwa

essenzjali li tiġi sostnuta, anki finanzjarjament, ir-riċerka xjentifika biex naqsmu bejnietna *data* u riżorsi li jmexxuna lejn il-quċċata tal-avvanzi teknoloġiċi u xjentifiċi kif ukoll biex tiġi sostnuta l-eċċellenza Ewropea. Fil-kariga tagħna bħala dawċ li nieħdu d-deċiżjonijiet politiċi fl-Ewropa, għandna d-dmir li naġixxu, u jien se nimpenja ruħi li nwettaq l-istrumenti u l-azzjonijiet neċessarji biex dan l-oġettiv jintlaħaq.

Barra minn dan, meta ġejt eletta fl-età żagħżuġha ta' 30 sena fil-Parlament Ewropew, kont konxja mill-opportunità li kelli quddiem biex imexxi 'il quddiem il-viżjoni u l-impenn Ewropew tiegħi. Il-prijorità tiegħi, sa mill-bidu, kienu l-interessi taċ-ċittadini. Is-suġġetti li dwarhom ħdimt ankrawni fil-ħidma lejn it-twertiq tal-prinċipju tal-koerenza bejn il-linji ta' politika interni u esterni. Hija din il-koerenza li għandha tiggwida l-azzjonijiet tagħna.

Meta nitkellmu fuq id-diġitali inkunu qegħdin immissu ma' firxa wiesgħa ta' suġġetti li dwarhom jenħtieġ li jinħadmu, u jitwertqu, linji ta' politika pubblika koerenti, bejn l-istrateġija diġitali u l-pjan ta' investimenti, il-pilastru soċjali, l-Unjoni tal-enerġija u tal-klima, kif ukoll l-Unjoni Ekonomika u Monetarja. Dan jinteressa lil għadd kbir ta' kummissjonijiet parlamentari, li qegħdin jaħdmu fuq sfidi daqstant varji bħas-sigurtà taċ-ċittadini tagħna, u l-libertajiet u d-drittijiet fundamentali tagħna (LIBE), ir-rwol tan-nisa fit-Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u l-Kommunikazzjoni u l-ekonomija (FEMM), il-kopertura tal-internet fiż-żoni rurali u l-isfidi ġenerazzjonali (AGRI), jew anki r-rwol tal-Ewropa fid-dinja (AFET), biex insemmi xi fti eżempji. Fil-qalba tal-mandati parlamentari tiegħi jien kelli l-okkażjoni li nikkontribwixxi b'mod attiv f'din il-ħidma. Fil-futur, jien se nimpenja ruħi li mmexxi 'l quddiem approċċ ħolistiku li jkollu fil-qalba tiegħu liċ-ċittadini.

Dawn l-aspetti kollha jagħmlu parti mill-portafoll u ninsab fiduċjuża li se nkun nista' nwettaqhom f'kooperazzjoni mal-Viċi President Ansip u mal-Kummissarji tat-tim tal-proġett. Permezz tal-metodu tiegħi ta' ħidma bbażata fuq id-djalogu, il-kooperazzjoni u l-kompromess jiena fiduċjuża li nkun nista' nikseb riżultati konkreti għaċ-ċittadini. Huwa dan il-metodu li jiena se nkompli napplika bħala Kummissarju fil-qasam tal-linji ta' politika li se jkunu fdati f'idejja.

F'dan is-sens nagħti importanza maġġuri lir-rwol tal-Parlament Ewropew, li huwa koleġiżlatur bi dritt indaqs mal-Kunsill u veikolu mill-aqwa tal-interessi taċ-ċittadini. Jien nistrieħ fuq l-appoġġ tal-Membri tal-Parlament Ewropew u tal-Istati Membri biex flimkien nilħqu l-oġettivi u biex nassiguraw it-twertiq effettiv tal-linji ta' politika tagħna.

Fiċ-ċirkostanzi kollha, jiena rrispettajt kemm l-ittra kif ukoll l-ispirtu tat-Trattati Ewropej u l-obbligu li naġixxi fl-interessi tal-Unjoni Ewropea. Minn mindu ili Membru tal-Parlament Ewropew ma kelli l-ebda funzjoni oħra u ma kelli l-ebda attività professjonali oħra. Fil-qafas tal-funzjonijiet il-ġodda tiegħi, jien se nimpenja ruħi li nirrispetta bla waqfien, mill-mument li fih ninħatar, id-doveri ta' indipendenza, ta' trasparenza, ta' imparzjalità u ta' disponibbiltà kif stipulat fl-Artikolu 17(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 245 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Jien se nżomm mar-regoli ta' etika kif ifformulati fl-artikoli msemmija kif ukoll fil-Kodiċi ta' Kondotta tal-Kummissarji.

Jien nara li d-dikjarazzjoni tal-interessi, kif stipulat fil-Kodiċi ta' Kondotta tal-Kummissarji, timtela' kif dovut u li tkun aċċessibbli, u jien nimpenja ruħi li naġġornaha f'każ ta' tibdil, kif ukoll li ninforma b'dan mill-ewwel lill-President.

Nimpenja ruħi li nevrta kull funzjoni jew sitwazzjoni li tista' tqajjem dubju dwar l-indipendenza, l-imparzjalità u d-disponibbiltà tiegħi fis-servizz tal-Kummissjoni. Bl-akbar sens ta' viġilanza se nirsisti biex nevrta jew biex insolvi kull sitwazzjoni li tista' twassal għal xi kunflitt ta' interess fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħi.

2. Il-ġestjoni tal-portafoll u l-kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew

Kif tivvaluta r-rwol tiegħek bħala Membru tal-Kulleġġ tal-Kummissarji? F'liema rigward tqis li inti responsabbli lejn il-Parlament u li trid tagħtih kont tal-azzjonijiet tiegħek u daww tad-dipartimenti tiegħek?

X'impenji speċifiċi lest li tieħu f'termini ta' trasparenza akbar, aktar kooperazzjoni u segwitu effikaċi għall-pożizzjonijiet tal-Parlament u t-talbiet għal inizjattivi leġislattivi? B'rabta mal-inizjattivi pjanati jew il-proċeduri li għaddejjin, lest tipprovdil lill-Parlament l-informazzjoni u d-dokumenti bl-istess mod bħalma tagħmel mal-Kunsill?

Il-President Juncker impenja lilu nnifsu quddiem l-Ewropej biex ikun hemm Suq Uniku Diġitali filwaqt li l-iżvilupp tal-linji ta' politika tal-Kummissjoni jsir aktar trasparenti matul il-proċess kollu tat-tfassil tagħhom, li hija kundizzjoni neċessarja sabiex tissaħħaħ il-leġittimità pubblika tagħna fil-livell Ewropew. Il-ftehim interistituzzjonali rigward "Leġislazzjoni Aħjar" istituzzjonalizza *per se* dan l-oġettiv ta' trasparenza fil-proċeduri tal-ħidma tal-Kummissjoni. Jien se nżomm ruħi għalkollox ma' dan l-impenn u nara li l-istil ta' direzzjoni tiegħi jkun jirrifletti dan.

L-intenzjoni tiegħi hija li nieħu inizjattivi politiċi ta' kwalità u dan jimplika li għandu jiġi involut il-grupp kollu tal-Kummissarji kkonċernati fi ħdan il-gruppi ta' proġett li kienu nħolqu fil-bidu tal-mandat ta' din il-Kummissjoni sabiex jiġi żgurat li jkunu ġew ikkunsidrati l-aspetti kollha kif ukoll biex il-proposti jkunu kemm jista' jkun bilanċjati. Fil-metodi tiegħi ta' ħidma jiena sejra nintegra dawn l-aspetti, sabiex: (i) jista' jkun hemm l-involvement mill-qrib tal-Parlament u tal-Kunsill fit-tneđija, l-iżvilupp u t-twettiq tal-politika pubblika; (ii) din l-interazzjoni ssir b'mod miftuħ, trasparenti, kostruttiv u effikaċi, sabiex din twassal għall-aħjar riżultati possibbli; (iii) nara li l-Kummissjonijiet Parlamentari pertinenti jkunu involuti f'kull żvilupp magħguri fl-istess ħin u fl-istess livell mal-Kunsill.

B'mod konkret, jiena nisħaq fuq l-impenn tiegħi li nipromwovi djalogu regolari u profond mal-Parlament Ewropew f'kull stadju tal-proċess leġislativ, speċjalment mal-Kummissjonijiet parlamentari ITRE, IMCO, JURI, CULT u LIBE, li diġà qegħdin jaħdmu dwar il-proposti ppreżentati mill-Kummissjoni.

Fl-istess waqt, jien nimpenja ruħi li nuża l-okkażjonijiet politiċi kollha li jqumu biex nisħaq fuq l-importanza li jsiru evalwazzjonijiet tal-impatt kif ukoll konsultazzjonijiet pubbliċi ta' kwalità għolja, li mingħajrhom ikun hemm ir-riskju li l-analiżi politika fil-livell Ewropew ma ssirx b'mod tajjeb.

3. Il-prijoritajiet

Fid-dawl tal-enfasi fuq l-impjeggi, it-ktabbir, l-investimenti u l-kompetittività, liema huma l-prijoritajiet ewlenin li biħsiebek issegwi bħala parti mill-portafoll propost tiegħek? Xi skeda qed tipprevedi għall-kisba ta' dawn il-prijoritajiet? Kif biħsiebek tiffaċilita t-tħejjija u l-adozzjoni tal-proposti leġislattivi għall-ikkompletar tas-Suq Uniku Diġitali? X'inhuma l-passi li qed tipprevedi sabiex tiġi żgurata ċ-ċibersigurtà fl-

Ewropa? Kif se tiżgura personalment l-ogħla standards professjonali u etiċi possibbli, il-kwalità tajba tal-proposti leġiżlattivi, it-trasparenza sħiħa tal-attivitajiet ta' lobbjar (diretti lejku u lejn is-servizzi tiegħek), u l-konsultazzjoni konsistenti u bbilanċjata tal-partijiet interessati kollha filwaqt li tqis ukoll il-ħtieġa li jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt bir-reqqa?

Is-Suq Uniku Diġitali għandu l-għan li jiżgura li r-rivoluzzjoni diġitali tkun sors ta' tkabbir ekonomiku, ta' impjiegi u ta' kompetittività fl-Ewropa. Fil-kuntest politiku preżenti fejn jirrenja d-dubju, meta wieħed iqis in-nuqqas ta' fiduċja li biha uħud miċ-ċittadini tagħna jħarsu lejn il-proġett Ewropew, naħseb li huwa neċessarju li jiġu rduppjati l-isforzi biex jitwettqu l-prijoritajiet ta' politika identifikati mill-2014 'l hawn u sabiex l-azzjonijiet li tħabbru jitwettqu malajr sabiex jiġi żgurat li t-tibdil konkret ikollu effett kemm jista' jkun malajr fuq ħajjet iċ-ċittadini u l-impriżi.

Għandi l-unur li nħtart f'portafoll li qiegħed fl-aqwa tiegħu u li jgawdi minn attenzjoni politika konsiderevoli min-naħa tal-koleġiżlaturi. Kif tħabbar f'Mejju 2015, il-Kummissjoni Ewropea diġà ppreżentat 35 inizjattiva politika li minnhom 21 huma leġiżlattivi, b'suċċess li diġà qiegħed jinħass. Jiena nkun nista' nistrieħ fuq xi wħud minnkombiex nuru liċ-ċittadini u lill-impriżi l-benefiċċji tal-politika tagħna: it-tneħħija tat-tariffi tar-roaming, il-portabbiltà tal-kontenut fi ħdan l-Unjoni, it-tqassim tal-banda tas-700 Mhz għall-konnettività ta' veloċità qawwija ħafna, l-inizjattiva "WiFi4EU", li għandha l-għan li tiffavorixxi l-installazzjoni ta' punti ta' aċċess pubbliku tal-wifi b'xejn fil-komunitajiet lokali madwar l-Unjoni u d-dispożizzjoni legali dwar id-drittijiet tal-awtur li ġġib fis-seħħ fi ħdan l-Unjoni t-Trattat ta' Marrakesh li se jkun ta' għajjnuna lil dawk li ma jarawx u lil dawk li għandhom problemi fil-vista, biex ikollhom aċċess għal kotba u għal materjal stampat.

F'kull każ huwa neċessarju li jkun hemm ħidma kbira biex jitmexxew 'il quddiem inizjattivi leġiżlattivi oħra. B'mod partikolari, hemm bżonn li naslu għal ftehimiet politiċi mal-koleġiżlaturi dwar il-proposti marbuta mal-kodiċi tat-telekommunikazzjonijiet elettroniċi, ir-riforma tad-drittijiet tal-awtur, is-servizzi tal-midja awdjoviżiva u fejn jidħol l-imblukkar ġeografiku (geoblocking) mhux mistħoqq. Jiena konvinta li, bis-saħħa tal-esperjenza tiegħi fil-Parlament Ewropew u tal-kooperazzjoni msaħħa bejn il-Parlament u l-Kunsill fin-negożjati leġiżlattivi li għadhom għaddejjin, l-iskeda stabbilita mill-Presidenti tal-Kummissjoni Ewropea, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tkun tista' tiġi rispettata.

Kif imħabbar meta kient saret l-analiżi ta' nofs it-terminu tal-istrateġija dwar is-Suq Uniku Diġitali jiena se nħejji inizjattivi ġodda mmirati fil-qasam taċ-ċibersigurtà, l-ugwaljanza fir-relazzjonijiet bejn il-pjattaformi u l-impriżi li joperaw f'dawn il-pjattaformi, iċ-ċirkolazzjoni ħielsa transfruntiera tad-*data* mhux personali, l-aċċessibbiltà u r-riutilizzazzjoni tad-*data* tas-settur pubbliku u tad-*data* miksuba permezz ta' fondi pubbliċi.

Huwa essenzjali li d-dispożizzjonijiet Ewropej dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-attakki ċibernetiċi jitqiegħdu fuq livell operattiv ogħla, anki għall-protezzjoni tal-istituzzjonijiet u tal-proċessi politiċi Ewropej. Għaldaqstant, minn issa sa Settembru jiena se nibda nagħti ħarsa dettaljata lejn l-istrateġija tal-UE fil-qasam taċ-ċibersigurtà u se nippreżenta proposta ta' mandat ġdid għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea inkarigata mis-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni sabiex tkun tista' tirreaġixxi aħjar għall-isfidi l-ġodda li jirriżultaw miż-żieda fir-riskji ta' attacchi ċibernetiċi. Il-Kummissjoni se taħdem ukoll dwar il-proposti għal miżuri addizzjonali rigward in-normi taċ-ċibersigurtà kif ukoll iċ-ċertifikazzjoni u l-ittikkettjar, sabiex tissaħħaħ is-sigurtà tal-apparat konness.

Se nagħti attenzjoni partikolari għall-isfidi li tippreżenta t-trasformazzjoni diġitali lis-soċjetà tagħna u l-mudell soċjali tagħha. Fuq naħa, aħna għandna naraw li l-innovazzjonijiet diġitali jgħibu magħhom l-akbar ammont ta' benefiċċji possibbli għaċ-ċittadini kollha tagħna, fir-rispett tal-valuri demokratiċi u soċjali Ewropej. Min-naħa l-oħra, huwa dmir tagħna li ngħinu liċ-ċittadini u lill-impriżi li jgħaddu b'suċċess mill-perjodu tranżitorju lejn ekonomija u soċjetà diġitali speċjalment permezz ta' azzjonijiet ta' edukazzjoni u ta' formazzjoni u ta' kooperazzjoni aħjar bejn l-approċċi nazzjonali tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali. Fl-aħħar nett, biex ikun hemm ekonomija diġitali, miftuħa, effikaċi u inklużiva huwa element kruċjali li jkun hemm amministrazzjonijiet u servizzi pubbliċi moderni, flessibbli u interoperattivi. F'dan is-sens, jien irrid inkompli niżviluppa l-azzjonijiet li għaddejjin bħalissa fir-rigward tal-interoperabbiltà u li nkompli naħdem fuq programm ambizzjuż ta' sostenn għad-diġitazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi.

Sabiex inħejju aħjar il-ħidma leġiżlattiva u sabiex intejbu l-adozzjoni tal-proposti leġiżlattivi fix-xhur li ġejjin, jiena se nistrieħ fuq l-esperjenza li kelli fil-Parlament Ewropew, fuq il-ħila tiegħi li naħdem ma' interlokutori differenti u fuq is-sens ta' smiġh u ta' djalogu tiegħi biex nikkontribwixxi b'mod attiv għall-ħidma f'tim fi ħdan il-Kummissjoni, b'mod partikolari fit-tim tal-proġett "is-Suq Uniku Diġitali", li huwa ppresedut mill-Viċi President Ansip.

Jien irrid nafferma b'mod ċar ir-rieda tiegħi li nirrispetta l-aqwa kwalità meta jkunu qegħdin jitħejjew l-azzjonijiet futuri, b'mod partikolari rigward il-proposti leġiżlattivi jew l-ispejjeż baġitarji. Jien se nimpenja ruħi li nsegwi kelma b'kelma n-normi li hemm imnaqqxa fil-ftehim qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea u fi ħdan il-ftehim interistituzzjonali "leġiżlazzjoni aħjar". Dan huwa element essenzjali u determinanti għall-kwalità tal-proposti u, fl-aħħar mill-aħħar, sabiex titjeb il-kwalità u l-leġittimità tal-proposti u sabiex tissaħħaħ l-immaġini tal-UE quddiem iċ-ċittadini tagħna.

Se nagħti attenzjoni partikolari għall-evalwazzjonijiet tal-impatt dettaljati, li jippermettu li nimmiraw u nikkalibraw aħjar il-proposti tal-Kummissjoni Ewropea abbażi ta' analiżi dettaljata u multidimensjonali. Fl-esperjenza tiegħi fil-Parlament Ewropew, jiena diġà kemm-il darba, staġt nara kemm huwa importanti li l-konsultazzjonijiet pubbliċi jkunu organizzati b'mod rigoruż, b'mod li jkunu miftuħa u aċċessibbli ħalli jtejbu l-kwalità u l-leġittimità tal-proposti quddiem iċ-ċittadini Ewropej.

Fl-aħħar nett, jiena se niżgura li kemm jien kif ukoll it-timijiet u d-dipartimenti tiegħi nirrispettaw u niddefendu bis-siħh l-istandards professjonali u etiċi għoljin stabbiliti mill-istituzzjonijiet Ewropej, u li huma l-bażi tal-azzjoni tal-persunal tal-Kummissjoni. B'mod partikolari, it-trasparenza tal-attivitajiet ta' gruppi ta' pressjoni – kemm jekk diretta lejja kif ukoll jekk lejn il-Kabinett u d-dipartimenti tiegħi - hija importanti ħafna biex tidher interazzjoni miftuħa u imparzjali mal-partijiet ikkonċernati kollha.

4. Il-komunikazzjonijiet elettroniċi

Fir-rigward tar-rieżami attwali tal-qafas għall-komunikazzjonijiet elettroniċi u l-BEREC: X'inhuma l-fehmiet tiegħek dwar

(i) ir-rwol tal-kompetizzjoni u tal-investment fis-settur,

(ii) l-iktar problemi ta' importanza kritika tas-suq intern għas-servizzi u n-netwerks fissi u mobbli u għall-utenti tagħhom, inklużi s-soluzzjonijiet li tippreferi,

(iii) L-iżviluppi attwali fit-tnedija tan-netwerks (netwerks lokali/reġjonali, 4G/5G, il-konċentrazzjoni tas-suq), u

(iv) ir-rwol futur tal-BEREC?

(i) Naħseb li l-kompetizzjoni taħdem flimkien mal-konnettività u mal-ħtiġijiet tal-investment assoċjati magħha; il-kompetizzjoni ġġib l-investment u għaldaqstant tikontribwixxi għall-oġettivi ta' konnettività għall-Ewropa. Il-prijorità attwali trid tkun l-għoti ta' aċċess għal konnettività mingħajr restrizzjonijiet, abbażi ta' infrastrutturi fissi u mobbli ta' veloċità għolja ħafna li huma prekwiziti għal Suq Uniku Diġitali. L-Ewropej fiż-żoni urbani u rurali kollha se jkollhom bżonn dejjem aktar ta' konnettività b'veloċità għolja ħafna.

Jien favur miżuri politiċi li jqisu r-rwol tal-kompetizzjoni fil-promozzjoni tal-investment u għaldaqstant tal-konnettività fl-Ewropa. Irridu niżguraw li nibqgħu fuq l-istess livell ma' reġuni oħrajn tad-dinja u niżguraw il-kompetittività tal-industriji tagħna li jiddependu dejjem aktar fuq l-infrastrutturi tat-telekomunikazzjonijiet.

L-esperjenza turi li r-regolamentazzjoni *ex ante* tat-telekomunikazzjonijiet tikkostitwixxi fattur importanti tal-kompetizzjoni, orjentat lejn l-aċċess, il-kompetizzjoni permezz tal-infrastrutturi jew il-promozzjoni tal-koinvestment. Din tal-aħħar hija kruċjali fiż-żoni rurali li jinsabu lura ħafna u fejn l-ispejjeż għal kull unità domestika huma ta' spiss aktar għoljin. Għalkemm 76% tal-Ewropej għandhom aċċess għan-netwerks tal-ġenerazzjoni li jmiss, 40% biss għandhom dan fiż-żoni rurali.

L-għażla tal-utenti hija importanti ħafna wkoll: jenħtieġ modernizzazzjoni tas-servizz universali biex tiġi żgurata konnettività affordabbli għaċ-ċittadini kollha, hi x'inhil s-sitwazzjoni soċjali tagħhom.

(ii) In-netwerks tat-telekomunikazzjonijiet iridu jagħmlu parti integrali mis-suq intern billi s-servizzi li jiddependu fuqhom huma fornuti u aċċessibbli bejn il-fruntieri. Il-fornituri tas-servizzi diġitali jridu jkunu jistgħu jwieġbu għad-domanda fil-livell Ewropew u mhux biss fil-livell nazzjonali. Il-kodiċi ġdid tal-komunikazzjonijiet elettroniċi huwa mfassal biex jindirizza dawn il-problemi. Jien se nindirizza dawk l-aktar urġenti.

Fir-rigward tan-netwerks fissi, l-isfida ewlenija hija l-garanzija li l-obbligi statutorji jiġu imposti biss jekk l-għan tagħhom ikun li jsovvu problema reali ta' kompetizzjoni li tagħmel ħsara lill-utenti. Ir-regoli jridu jkunu wkoll proporzjonati u prevedibbli.

Fir-rigward tan-netwerks mingħajr fili, jeħtieġ li jiġi żgurat aċċess f'waqtu għall-ispektrum, b'kundizzjonijiet prevedibbli, sostenibbli u li jqisu l-isfida finanzjarja li jiġu stazzjonati netwerks 5G ta' veloċità għolja ħafna li huma densi ħafna. Kundizzjonijiet aħjar għall-investment jimxu id f'id mal-esiġenzi ta' interess pubbliku, speċjalment fir-rigward tal-kopertura ġeografika jew id-disponibbiltà tar-riżorsi tal-ispektrum għall-operaturi. Jien determinata li nsib bilanċ bejn it-tħassib leġittimu tal-Istati Membri u l-ħtieġa li l-impriżi u ċ-ċittadini Ewropej jibbenefikaw minn koordinazzjoni aħjar rigward ċerti aspetti tal-ġestjoni tal-ispektrum.

Rigward is-servizzi ta' komunikazzjoni fissi u mobbli u l-utenti tagħhom, hemm żewġ sfidi ewlenin: l-ewwel nett, l-iżgurar ta' protezzjoni effettiva tal-utenti tas-servizzi ta' komunikazzjoni kollha, irrispettivament mit-teknoloġija li huma bbażati fuqha. Dan huwa essenzjali għas-sigurtà u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet elettroniċi. It-tieni nett,

jenħtieġ li r-regoli tal-protezzjoni tal-konsumaturi jiġu adattati għall-iżviluppi teknoloġiċi u kummerċjali.

(iii) Huwa fatt li l-UE tejbet il-kwalità tal-konnettività tagħha, iżda dan għadu mhux biżżejjed biex jilqa' għall-ħtiġijiet futuri fejn jidhru veloċità, kwalità tas-servizz u affidabbiltà tal-konnessjonijiet hekk kif definiti fl-oġġettivi tal-istrategġija “*Lejn soċjetà Ewropea tal-Gigabit*” għall-2025.

Hemm bżonn li l-Istati Membri jirduppljaw l-isforzi tagħhom u jibdew biex jirrevedu l-pjani nazzjonali jew reġjonali tagħhom tal-iżvilupp tan-netwerks tal-broadband b'veloċità għolja ħafna

Minkejja l-isforz mistenni mill-operaturi privati, l-istimi attwali jindikaw li se jkun hemm bżonn 155 biljun euro ta' investimenti privati u pubbliċi addizzjonali biex jintlaħqu l-oġġettivi sal-2025. Sabiex jindirizzaw din il-ħtieġa, ir-regoli tat-telekomunikazzjonijiet ġew aġġornati biex joffru prevedibbiltà ġuridika meħtieġa biex jiġu pplanati l-investimenti fit-tul. Għaldaqstant huwa essenzjali li r-regoli l-ġodda jiġu adottati mill-iktar fis possibbli biex tingħata ċ-ċertezza legali li jeħtieġu l-investituri.

Il-Fondi Strutturali, il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strategġiċi u l-Faċilità Nikkolegaw l-Ewropa diġà huma involuti: jenħtieġ li nkunu kreattivi u nsaħħu l-kontribuzzjoni tagħna. Il-Kummissjoni se tiżen dawn l-elementi varji bħala parti mit-tħejjijiet tagħha għall-programm finanzjarju li jmiss. Niddependi fuq l-appoġġ tagħkom biex niggerantixxi biżżejjed riżorsi baġitarji sabiex inwettqu l-ambizzjonijiet komuni tagħna għall-Ewropa.

(iv) Il-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Body of European Regulators for Electronic Communications “BEREC”) diġà kkontribwixxa b'mod sinifikanti għall-isforzi biex jiġi żviluppat suq uniku reali għat-telekomunikazzjonijiet. Ir-rwol tiegħu huwa li jiżgura approċċ regolatorju armonizzat. Dan l-aħħar ġie mitlub jaqdi rwol aktar importanti f'oqsma bħan-newtralità tan-netwerks u r-roaming.

Ir-rwol importanti li għandu dan l-organu fid-definizzjoni ta' viżjoni strateġika Ewropea għall-komunikazzjonijiet elettroniċi ġie rikonoxxut bl-istess mod mill-Parlament Ewropew fir-Riżoluzzjoni “Lejn Att dwar is-Suq Uniku Diġitali” tad-19 ta' Jannar 2016. B'mod partikolari, il-Parlament Ewropew talab lill-Kummissjoni tintegra aktar is-suq uniku diġitali u tiżgura li jkun tpoġġa fis-seħħ qafas istituzzjonali aktar effiċjenti li jsaħħaħ ir-rwol, il-kapaċità u l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-BEREC, kif ukoll ir-riżorsi finanzjarji u umani tiegħu u li jsaħħaħ l-istruttura tiegħu. Dan huwa l-oġġettiv tal-Kummissjoni u se naħdem flimkien mal-koleġislaturi biex tinstab l-aħjar soluzzjoni possibbli.

5. Il-kooperazzjoni / l-iskrutinju

Bħala l-Kummissarju responsabbli għall-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali, kif se tiżgura l-koordinazzjoni mal-Viċi Presidenti ta' dawk it-timijiet li l-qasam ta' politika tiegħek jaqa' taħthom u mal-Kummissarji l-oħra fit-timijiet tiegħek u kif se tikkontribwixxi għas-sħubija ta' ħidma produttiva mal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija? B'mod partikolari, x'passi se tieħu biex tiffaċilita l-iskrutinju min-naħa tal-Kumitat tal-proċeduri leġislattivi u mhux leġislattivi (inkluża t-tħejjija ta' atti leġislattivi u ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni) u l-iskrutinju tal-implimentazzjoni tagħhom?

B'portafoll politikament strateġiku u multidimensjonali, li jixhed il-ħidma ta' Viċi Presidenti u Kummissarji preċedenti, il-koordinazzjoni mhijiex għażla – hija b'zonn assolut.

Matul il-mandat tiegħi se nżomm kooperazzjoni mill-qrib mal-kollegi tiegħi kollha fil-Kummissjoni; interazzjoni profonda mal-membri tal-Parlament Ewropew u l-Kumitati Parlamentari u mal-Kunsill tal-Ministri; djalogu kostruttiv maċ-ċittadini, mas-soċjetà ċivili u mal-partijiet l-oħra ikkonċernati.

Se nikkollabora mill-qrib mal-Viċi President responsabbli għas-Suq Uniku Diġitali sabiex jiġu implimentati l-proposti attwali, jiġi segwit ir-rieżami ta' nofs it-terminu riċenti tal-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali u jiġu żviluppati proposti ġodda biex jiġi ffinalizzat is-suq. Se naħdem flimkien mar-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, il-Viċi President responsabbli għas-Suq Uniku Diġitali u l-Kummissarju għall-Unjoni tas-Sigurtà biex nintroduċi miżuri li jżidu s-sigurtà u l-affidabbiltà tal-Ewropa onlajn, bis-saħħa tal-esperjenza tiegħi f'dawn il-kwistjonijiet fil-Kumitati LIBE u AFET.

Se nikkontribwixxi għall-ħidma tal-proġett immexxi mill-Viċi President responsabbli għall-Impjiegi, it-Tkabbir, l-Investment u l-Kompetittività biex jinħolqu kundizzjonijiet ideali biex jiġi stimulat l-investment privat u pubbliku. Se nikkoopera mill-qrib mal-Ewwel Viċi President biex niddefendi il-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-informazzjoni u l-pluraliżmu tal-midja kif ukoll id-diversità u l-ftuħ tal-internet. F'dawn l-oqsma kollha, il-Kummissarju responsabbli għall-Baġit u r-Riżorsi Umani se jkun sieħeb importanti.

Il-kooperazzjoni mill-qrib tiegħi mal-Kummissarju responsabbli għall-Edukazzjoni, il-Kultura, iż-Żgħażaġħ u l-Ispport se tippermetti li nappoġġja l-iżvilupp tal-impriżi Ewropej tal-midja, tal-kontenut u tal-ħolqien. Jien kuntenta li qed nikkollabora mill-qrib mal-Kummissarju responsabbli għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali, il-Kompetenzi u l-Mobbiltà tax-Xogħol, il-Kummissarju responsabbli għall-Edukazzjoni, il-Kultura, iż-Żgħażaġħ u l-Ispport u l-Kummissarju responsabbli għall-Ġustizzja, il-Konsumaturi u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi biex insaħħu u nippromwovu l-kompetenzi diġitali u t-taħriġ kontinwu.

Nagħti ħafna importanza lid-djalogu u l-kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew - l-istituzzjoni li tiżgura l-kontroll demokratiku meħtieġ fit-trijanglu istituzzjonali Ewropew. Se nkompli nagħti widen għall-aspettattivi u l-aspirazzjonijiet speċifiċi tagħkom fl-oqsma li jien responsabbli għalihom. Nafda fikom u fl-appoġġ tagħkom biex niksbu l-oġettivi tagħna bi trasparenza u bi spirtu ta' djalogu biex niddefendu u nippromwovu l-interessi taċ-ċittadini Ewropej.

6. Il-portafoll

Skont l-Artikolu 167(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-aspetti kulturali jridu jiġu integrati fit-tfassil ta' politika tal-UE. Barra minn hekk, il-portafoll assenjat lilek jenfasizza b'mod espliċitu l-ħtieġa li d-diversità kulturali u lingwistika tiġi garantita u promossa. Kif se tiżgura li l-kultura se tittieħed inkunsiderazzjoni kif dovut fil-politiki u fl-azzjonijiet li biħsiebek timplimenta? Kif se tiżgura li l-ħtiġijiet u l-karatteristiċi speċifiċi tas-settur kulturali u kreattiv, b'mod partikolari dawk tal-produzzjoni u l-konsum ta' kontenut kulturali u kreattiv, se jittieħdu inkunderazzjoni fl-ekonomija diġitali? Xi sforzi se twettaq biex tagħti spinta lill-appoġġ finanzjarju tal-UE, inkluż permezz tal-FEIS, għas-settur kulturali u kreattiv, b'mod partikolari għas-settur awdjoviżiv/tal-films? Inti responsabbli mis-sottoprogramm MEDIA taħt il-programm Ewropa Kreattiva. Kif tivvaluta l-prestazzjoni tal-programm Ewropa

Kreattiva b'mod ġenerali u s-sottoprogramm MEDIA b'mod speċifiku? Liema bidliet, jekk tiqs li hemm, jidhirlek li huma importanti għall-ġenerazzjoni li jmiss tal-programm?

L-industriji kulturali u kreattivi huma ta' vantaġġ kbir għall-ekonomija tagħna. Fil-qafas tal-Ewropa Kreattiva, is-sottoprogramm MEDIA huwa l-programm ewlieni taħt ir-responsabbiltà tiegħi li jkopri l-kontenut awdjoviżiv kreattiv u kulturali. Għandu żewġ objettivi ewlenin: li jipproteġi d-diversità kulturali u li jsaħħaħ il-kompetittività ekonomika tas-settur. Dawn iż-żewġ objettivi jikkumplimentaw lil xulxin: id-diversità tal-kulturi tagħna tispira l-kwalità għolja tal-ħidmiet tagħna, filwaqt li tenħtieġ industrija effiċjenti biex jiġu prodotti u distribwiti fuq skala Ewropea. Il-Programm Orizzont 2020 għandu wkoll aspett kulturali, u t-teknoloġiji diġitali jirrappreżentaw potenzjal formidabbli biex tinxtered il-kultura.

*

Jien se niżgura li l-istrumenti tagħna li jappoġġjaw l-industriji kulturali u kreattivi jkunu konsistenti mar-regoli tagħna. Dan jinkludi:

- Il-programm MEDIA, li se jkompli jappoġġja l-ħolqien tal-kontenut awdjoviżiv u d-distribuzzjoni tiegħu fl-Unjoni;
- Il-finalizzazzjoni tan-negożjati tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur. Din tintroduċi b'mod partikolari obbligi għal ċerti siti web ta' skambju li jippermettu li l-utenti jniżżlu kontenut protett bid-dritt tal-awtur, u li jsiru mezzi importanti ta' distribuzzjoni tal-kontenut. Tinkludi wkoll miżuri bil-ħsieb li tiġi mtejba t-trasparenza u l-ekwilibriju fir-relazzjonijiet bejn min joħloq u s-sħab kuntrattwali tiegħu;
- Il-finalizzazzjoni tan-negożjati tad-“Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva” li għandhom il-ħsieb li jsaħħu l-produzzjoni u d-distribuzzjoni tax-xogħlijiet Ewropej, b'mod partikolari fir-rigward tad-diffużjoni tagħhom permezz ta' servizzi VOD (kwota minima u obbligu ta' prominenza)

*

Inqis li l-aċċess għall-finanzjament huwa fundamentali għas-settur kreattiv u kulturali li jħabbat wiċċu ma' diffikultajiet biex jinkiseb investment privat. Fl-2016, il-Kummissjoni nediet, fil-qafas tal-Programm Ewropa Kreattiva, strument finanzjarju innovattiv - Mekkaniżmu ta' Garanzija - b'baġit ta' EUR 120 miljun għas-snin 2016-2020 bil-għan li jiġi ffaċilitat l-aċċess ta' finanzjament ta' SMEs fis-setturi tal-kultura u dawk kreattivi, u sabiex titjeb il-kapaċità tal-intermedjarji finanzjarji li jevalwaw ir-riskji assoċjati.

Din il-Faċilità ta' Garanzija dalwaqt għandha tagħti l-ewwel self tagħha lill-SMEs.

Fis-sena 2016 iċċelebrajna l-25 anniversarju ta' MEDIA, isem issa sinomimu mal-kwalità artistika u kreattiva.

Barra minn hekk, sensiela ta' miżuri konkreti, ifffinanzjati b'mod partikolari mill-programm MEDIA, jakkumpanjaw il-proposti leġiżlattivi tagħna. Dawn il-miżuri għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-aċċess u jagħtu valur lill-ħidmiet Ewropej onlajn. Jien se nara li dawn jitwettqu b'mod parallel man-negożjati dwar it-testi leġiżlattivi.

F'Diċembru tal-2017, se nippreżenta rapport ta' evalwazzjoni f'nofs it-terminu tal-Programm Ewropa Kreattiva, inkluż ta' MEDIA, lill-Parlament u lill-Kunsill, flimkien ma' rakkomandazzjonijiet għall-ġejjieni.

Ir-riżultati huma inkoraġġanti: implimentazzjoni finanzjarja tajba ħafna, 400 film fis-sena mifruxa f'pajjiżi Ewropej oħrajn u netwerk ta' 1000 ċinema Ewropej fi 33 pajjiż li jipproġettaw proporzjon għoli ta' films Ewropej magħrufa bħala "mhux nazżjonali".

7. Il-Prijoritajiet

Inti għandek ir-responsabbiltà li tikkontribwixxi għas-suċċess tal-industrija Ewropea tal-kontenut u tal-midja li tilħaq udjenzi ġodda u tisfrutta l-potenzjal tal-ambjent diġitali. Diġà tressqu għadd ta' inizjattivi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi, prinċipalment maħsuba biex jaġġornaw ir-regolamentazzjoni tal-midja u jimmodernizzaw id-drittijiet tal-awtur. X'tixtieq li jkunu r-riżultati ta' dawn l-inizjattivi sabiex ikunu jistgħu jittqiesu ta' suċċess? Għandek inizjattivi oħra ppjanati sabiex tagħti spinta ulterjuri lis-settur tal-midja u tal-kontenut u ttejjeb l-aċċess pubbliku għall-kontenut kulturali, b'mod partikolari għall-kontenut awdjoviżiv? Għandek inizjattivi oħra ppjanati sabiex tagħti spinta ulterjuri lis-settur tal-midja u tal-kontenut u ttejjeb l-aċċess pubbliku għall-kontenut kulturali, b'mod partikolari għall-kontenut awdjoviżiv? Qed tippjana inizjattivi oħra sabiex il-minorenni jkunu protetti minn kontenut dannuż? Fid-dawl tal-fatt li t-tmim tal-leġiżlatura se jfisser ċertu livell ta' nuqqas ta' kontinwità, x'inhuma l-proposti leġiżlattivi li biħsiebek tressaq u meta? Karatteristika fundamentali ta' ekonomija diġitali ta' suċċess hija forza tax-xogħol diġitali b'edukazzjoni tajba. Kif taħseb li l-UE tista' tgħin biex timla n-nuqqas ta' ħiliet diġitali attwali? Abbażi tal-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa u abbażi ta' inizjattivi bħall-Koalizzjoni għall-Ħiliet u l-Impjigi Diġitali, x'inizjattivi oħra tqis li jistgħu jgħinu sabiex tingħata spinta lill-ħiliet diġitali madwar l-UE?

Jien se nimpenja ruħi b'mod attiv, abbażi tad-diskussjonijiet attwali fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill, sabiex niżgura li r-riformi proposti, b'mod partikolari dawk fir-rigward tad-drittijiet tal-awtur u tar-regoli awdjoviżivi, jiġu adottati malajr u jwieġbu għall-oġettivi li stabbilixxejna għalina nfusna.

Ir-riforma tar-regoli tad-drittijiet tal-awtur li ġiet proposta mill-Kummissjoni f'Settembru 2016 hija essenzjali sabiex ir-regoli attwali jiġu adatti għat-teknoloġiji diġitali u għall-forom ġodda tal-aċċess għall-kontenut. Jien inqis li huwa essenzjali li tinżamm l-ambizzjoni proposta dwar is-suġġetti koperti kollha: l-għażla tal-kontenut onlajn u l-aċċess għalih; il-modernizzar tar-regoli fl-oqsma tar-riċerka, l-edukazzjoni u l-inklużjoni tal-persuni b'diżabbiltà; regoli aktar ġusti għal funzjonament aħjar tas-suq tad-drittijiet tal-awtur. L-inizjattivi dwar **il-portabbiltà tas-servizzi tal-kontenut onlajn u l-aċċess transfruntier għal programmi tar-radju u tat-televiżjoni**, b'mod partikolari, se jippermettu li jiġi ffaċilitat l-aċċess għal kontenut kulturali, b'mod partikolari dak awdjoviżiv.

Il-proposta ta' reviżjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva qed tiġi eżaminata fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill. Jien nittama li tintlaħaq adożżjoni rapida ta' test ekwilibrat, li jkopri lill-atturi ġodda b'mod koerenti, li jippermetti li jiġu protetti b'mod effikaċi t-tele spettaturi u l-utenti tal-kontenut awdjoviżiv u li jsaħħaħ il-kompetittività fis-settur Ewropew awdjoviżiv. Il-proposta tal-Kummissjoni tfittex li tiffaċilita l-aċċess għal kontenut awdjoviżiv filwaqt li tiffinforza l-obbligi tas-servizzi tal-vidjo fuq rikjesta (video-on-demand) fil-qasam tal-**promozzjoni tal-ħidmiet Ewropej**.

*

Il-minorenni, li qed jaraw dejjem aktar kontenut awdjoviżiv fuq servizzi ta' vidjo fuq rikjesta (video-on-demand), għandhom jiġu mħarsa bl-istess mod bħal dawk televiżivi. Huwa għal din ir-raġuni li jien se niddefendi l-miżuri proposti għall-ħarsien tal-minorenni fil-qafas tar-reviżjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva.

Jien se nkompli l-impenn tiegħi permezz ta' "**Ċentri għal Internet Aktar Sikur**" biex l-internet isir aktar sikur għat-tfal tagħna. Jien għandi l-ħsieb li nsahha il-kollaborazzjoni tagħna mal-"**Alleanza għal ħarsien aħjar tal-minorenni onlajn**" biex intejeb, permezz ta' awtoregolazzjoni, l-ambjent onlajn għat-tfal kemm fil-livell ta' kontenut, kif ukoll ta' mgħiba li tagħmel il-ħsara (pereżempju l-fastidju fuq l-internet).

*

Il-bidla għad-diġitali, kif ukoll it-teknoloġiji avvanzati preċedenti, wasslu għal żidiet kbar fil-produttività. Madankollu, il-bidla għad-diġitali għandha wkoll riperkussjonijiet fuq is-soċjetà, b'mod partikolari fuq is-suq tax-xogħol. Ċerti impjiegi se jisparixxu, oħrajn se jinħolqu, u l-maġġoranza tagħhom se tiġi ttrasformata. Hemm hteġa ċara li l-bidla għad-diġitali tiġi akkumpanjata, l-ewwel nett billi ċ-ċittadini kollha jiġu permessi jiksbu l-kompetenzi diġitali li se jippermettulhom jadattaw ruħhom għat-tibdil li diġà qiegħed jidwettaq.

Fil-qafas tal-"Istrateġija l-ġdida għall-kompetenzi fl-Ewropa", il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri tal-UE jiżviluppaw strateġiji nazzjonali għall-iżvilupp tal-kompetenzi diġitali. Il-Kummissjoni nediet "Koalizzjoni favur il-kompetenzi u l-impjiegi diġitali". Jien se naqdem mal-Parlament Ewropew bil-għan li niżgura l-koerenza bejn l-implimentazzjoni tal-istrateġiji nazzjonali u l-inizjattivi Ewropej.

Jien nappoġġa bis-sħiħ il-proġett pilota "**Skema ta' Opportunità Diġitali għall-internships**" (**Digital Opportunity scheme for internships**) li għandu l-għan li jipprovdi lill-gradwati u lill-istudenti b'esperjenza professjonali fil-qasam diġitali fi Stat Membru ieħor. It-tali proġett pilota għandu l-għan li jiġi estiż biex jippermetti lill-akbar numru ta' gradwati li jiksbu esperjenza Prattika fil-qasam tad-diġitali.

8. Kwistjonijiet attwali

Attwalment, il-hteġa li tiġi garantita midja indipendenti u ta' kwalità għolja tinsab fil-quċċata tal-aġenda politika. Fl-istess ħin, hemm kunsens li għandu jsir aktar sabiex iċ-ċittadini tal-UE jiġu pprovduti rapportar informattiv u mhux partiġġan tal-affarijiet tal-UE. Kif taħseb li l-UE tista' tgħin biex tappoġġa dak ir-rapportar tal-aħbarijiet indipendenti u ta' kwalità għolja tal-affarijiet tal-UE fil-mezzi tal-midja differenti u speċjalment bl-użu ta' midja ġdida u ta' teknoloġiji ġodda? Int ġejt inkarigat speċifikament tippromwovi mudell ta' negozju sostenibbli għall-Euronews. Kif biħsiebek tagħmlu dan? U l-Euronews x'parti se jkollu fil-missjoni usa' li jiġi pprovdut rapportar tal-aħbarijiet indipendenti tal-affarijiet tal-UE? X'inizjattivi oħra biħsiebek tippromwovi u tappoġġa? Int ġejt inkarigat tesplora wkoll kif l-UE tista' tgħin b'mod utli biex iċ-ċittadini jkunu protetti minn "aħbarijiet foloz", b'mod speċifiku permezz tal-pjattaformi onlajn. Kif biħsiebek tilħaq bilanċ tajjeb, filwaqt li tirrikonoxxi, minn naħa waħda, ir-rwol tal-pjattaformi onlajn fl-aċċess li jipprovdu liċ-ċittadini u lill-konsumaturi għall-kontenut kulturali u tal-midja u, min-naħa l-oħra, il-hteġa li jiġi pprovdut qafas regolatorju sod għalihom?

Ir-rapportar tal-affarijiet tal-UE jsir l-aktar mill-aspett nazzjonali jew reġjonali. L-aħħar Ewrobaromteru wera li 38% biss tal-Ewropej iħossuhom "informati tajjeb" dwar l-affarijiet tal-UE. Jien inqis li ġurnaliżmu indipendenti u ta' kwalità li jittratta l-affarijiet tal-UE huwa essenzjali għaċ-ċittadini u għall-ispazju pubbliku demokratiku Ewropew.

L-awtorità baġitarja appoġġat din il-viżjoni permezz tal-linja baġitarja tal-Azzjonijiet Multimedjali. Dawn l-azzjonijiet għandhom l-għan li jirrinforzaw ir-rapportar tal-affarijiet tal-UE mill-perspettiva Pan Ewropea, jiġifieri lil hinn mill-perspettivi nazzjonali, bil-għan li jippermettu liċ-ċittadini jimpenjaw ruħhom fil-politika Ewropea.

Minkejja li r-riżorsi huma mudesti meta mqabbla ma' dawk tal-Istati Membri jew tas-settur privat, il-Kummissjoni ipprova timmassimizza l-impatt billi tappoġġa l-formati l-aktar apprezzati miċ-ċittadini:

- It-televiżjoni: permezz tal-appoġġ tal-kanal Pan Ewropew Euronews
- Ir-radju: permezz tal-finanzjament tan-netwerk tar-radji Euranet Plus
- It-teknoloġiji ġodda: permezz tal-appoġġ offrut għall-produzzjoni tal-kontenut onlajn bbażat fuq id-*data* ġurnalistika. Intgħażlu żewġ gruppi ta' media. Din l-azzjoni ppermettiet, għall-ewwel darba, kooperazzjoni bejn l-aġenzija tal-istampa Ġermaniża DPA, l-aġenzija Franċiża AFP u l-aġenzija Taljana ANSA.

*

Jien inkarigata li «niżviluppa u nippromwovi mudell ta' negozju durabbli għal Euronews, b'mod partikolari billi nkompli niżviluppa l-missjoni tiegħu ta' servizz pubbliku, billi ngħinu jsib sħab ġodda u jagħmel użu aħjar mit-teknoloġiji ta' trażmissjoni diġitali, filwaqt li tiġi rispettata bis-sħiħ l-indipendenza editorjali ta' Euronews».

Il-Kummissjoni appoġġat lil Euronews sa mit-tnedija tiegħu fl-1993. Fl-2010, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li Euronews għandu missjoni ta' interess ġenerali għall-Unjoni għax Euronews għadu l-uniku kanal li jirrapporta l-kwistjonijiet Ewropej b'perspettiva li tmur lil hinn min-nazzjonijiet Ewropej. Għalhekk, ġie deċiż li jitwettaq ftehim ta' sħubija u qafas ta' kooperazzjoni stabbli għall-finanzjament tiegħu.

Il-Parlament Ewropew talab bosta drabi li jsegwi u jirrinforza l-appoġġ mogħti lil Euronews sabiex jiġi ggarantit il-multilingwiżmu u r-rwol tiegħu fil-ħolqien ta' spazju pubbliku Ewropew, kif ukoll fil-qasam tad-diplomazija kulturali tal-UE. L-evalwazzjonijiet differenti li saru mill-2009 kkonkludew li l-istazzjoni wettaq il-missjonijiet tiegħu.

Riċentement, Euronews implimenta strateġija ambizzjuża bil-għan li jaddatta l-mudell ta' produzzjoni u ta' distribuzzjoni tiegħu għat-tendenzi l-ġodda tas-suq. Il-Kummissjoni ssegwi mill-qrib l-implimentazzjoni ta' dan il-mudell ġdid bil-għan li taċċerta ruħha li Euronews iżomm l-missjoni storika tiegħu u bil-għan li tevalwa kif l-azzjonijiet tal-Kummissjoni jistgħu jsiru aktar effiċjenti.

Il-Kummissjoni ffirmat ma' Euronews konvenzjoni qafas ġdida ta' sħubija fi Frar 2017 għal perjodu ta' żmien ta' (4) erba' snin. Permezz ta' din il-konvenzjoni se nkunu nistgħu niffinanzjaw programmi dwar l-affarijiet Ewropej kif ukoll insostnu l-mudell plurilingwistiku tal-istazzjon.

Il-Kummissjoni impenjat ruħha li tippoteġi d-diversità lingwistika ta' Euronews. B'mod parallel, huwa previst sforz kontinwu ta' adattament għad-drawwiet il-ġodda tal-pubbliku u għall-evoluzzjoni teknoloġika matul is-snin li ġejjin. Żewġ verżjonijiet lingwistiċi ta' Euronews ifffinanzjati mill-UE, l-Għarbi u l-Farsi, diġà saru diġitali. L-aħħar awditu tal-prestazzjoni tal-2016 jindika potenzjal qawwi għal tranżizzjoni bħal din.

F'dak li jirrigwarda l-ftehim mal-NBC, skont l-informazzjoni li għandi, dan il-ftehim ġie vvalidat riċentement, wara xhur ta' negozjati fost l-azzjonisti differenti ta' Euronews. Kif tafu, Euronews hija impriża privata, u minħabba dan, ħielsa li tiegħu d-deċizzjonijiet strateġiċi tagħha stess. Min-naħa l-oħra, billi hija sieħba fundamentali tal-kanal, il-Kummissjoni talbet ċerti garanziji min-naħa ta' Euronews u impenjat ruħha li tanalizza l-effetti potenzjali tal-ftehim bejn NBC u Euronews dwar is-sħubija.

Il-Kummissjoni tista' tirtira mill-ftehim ta' sħubija jekk il-garanziji ma jgħux rispettati. Waqt il-mandat tiegħi, jien se nimpinja ruħi li nsegwi mill-qrib l-implimentazzjoni tal-ftehim u l-arranġamenti ta' kooperazzjoni ma' Euronews, sabiex niżgura l-valur miżjud tal-azzjonijiet tagħna.

Il-baġit tal-Azzjonijiet Multimedji tnaqqas b'ammont kunsiderabbli (~20%) taħt il-QFP attwali (2014-2020). Din l-evoluzzjoni tpoġġi pressjoni fuq il-perspettivi futuri. Minkejja dan, il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-Parlament Ewropew, irnexxielha żżomm l-istabbiltà baġitarja tal-ishma ta' Euronews, kif ukoll il-kontinwità tan-netwerk tar-radji Euranet Plus.

Id-Deċiżjoni ta' Finanzjament għall-2017 tipprevedi qafas ta' sovvenzjoni ġdid għal Euranet Plus, bil-għan li tiġi permessa l-produzzjoni ta' programmi tar-radju permezz tan-netwerk matul is-sentejn li ġejjin (min-nofs 2017 sa nofs l-2019). Din is-sovvenzjoni se jkollha dimensjoni iktar modesta mill-kuntratt preċedenti minħabba r-restrizzjonijiet baġitarji, iżda l-oġġettiv tal-konsolidazzjoni ta' qafas ta' kooperazzjoni bejn ir-radji nazzjonali u reġjonali Ewropej se jinżamm.

*

F'dak li jirrigwarda l-"aħbarijiet foloz", l-approċċ tal-Kummissjoni jagħmel enfasi fuq il-miżuri effiċjenti, volontarji u awtoregulatorji, kif ukoll fuq l-interventi regulatorji kkonċernati.

Apparti d-dispożizzjonijiet proposti fil-qafas tar-reviżjoni tad-direttiva dwar il-Midja Awdjoviżiva biex tiġi rinforzata l-għieda kontra diskors ta' mibegħda, jien se nippreżenta miżuri supplimentari bil-għan li ninkoraġġixxi l-aktar il-miżuri prattiċi min-naħa tal-pjattaformi onlajn u tan-netwerks soċjali. Komponent ieħor tal-azzjoni tagħna se jikkonsisti fir-rinforz konġunt flimkien mar-Rappreżentant Għoli tal-komunikazzjoni strateġika tagħna biex niġġieldu kontra l-kampanji ta' diżinformazzjoni lil hinn mill-Unjoni.

Fil-livell politiku, l-għażla tal-għodod tagħna biex niġġieldu kontra l-aħbarijiet foloz tinkludi diversi elementi:

- Il-verifika tal-kontenut tal-"aħbarijiet foloz": Il-Kummissjoni tiddedika finanzjament għar-Riċerka u l-Iżvilupp favur strumenti li jgħinu lill-operaturi jidentifikaw u jivverifikaw il-kontenut imqassam onlajn, inkluż dak li huwa illegali jew ta' ħsara.
- Il-Kummissjoni stabbiliet ukoll djalogu kostruttiv mal-operaturi ewlenin tan-netwerks soċjali bil-għan li tissorvelja l-progress imwettaq għar-riżoluzzjoni ta' problemi

ewlenin bħall-"aħbarijiet foloz" permezz tal-kollaborazzjonijiet ma' punti tal-istampa u / jew ta' inizjattivi bil-għan li jtejbu l-edukazzjoni medjatika fost l-utenti.

- L-edukazzjoni tal-midja: Il-ħidma tagħna tinkludi impenn proattiv mal-pjattaformi ewlenin tal-midja soċjali, inklużi Facebook, Google u Twitter, u flimkien ma' esperti tal-litteriżmu medjatiku li joriġinaw mill-Ewropa kollha.
- Id-djalogu mal-Istati Membri: l-għan huwa li jiġi stabbilit grupp ta' esperti tan-netwerks soċjali fi ħdan l-Istati Membri biex jidentifika l-prattiki tajbin u jiddiskuti dwar is-soluzzjonijiet, jikkondividi r-riżultati tar-riċerka u jgħin biex jinstabu approċċi armonizzati.